# Diskors tal-Awguri tas-Sena l-ġdida lill-kleru

**Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, il-Belt Victoria**
**Is-Sibt 14 ta' Jannar 2017**

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

## MORALI LI MA SSAĦĦANX, IL-BARD AĦJAR MINNHA

Għadna qegħdin nomogħdu u nixtarru l-Eżortazzjoni Appostolika *Amoris lætitia*, partikularment Kapitlu VIII, li fih il-Papa Franġisku mhux biss jippreżentalna diskors minsuġ b'punti ewlenin tat-Teoloġija Morali, imma jesprimi wkoll il-ħtieġa li l-Knisja tagħmel *tiġdid pastorali* tal-istess Teoloġija Morali billi żżomm quddiem għajnejha d-dixxerniment kollu ħniena. Il-Papa jgħid li "mqar jekk hu minnu li jeħtieġ ngħożżu l-integrità tat-tagħlim morali tal-Knisja, dejjem irridu nfittxu b'mod speċjali li nuru u ninkuraġġixxu l-valuri l-iżjed għolja u ċentrali tal-Evanġelju, partikularment il-primat tal-karità, bħala tweġiba għall-inizjattiva ħielsa tal-imħabba ta' Alla. Għax xi drabi jiswielna ħafna li fil-pastorali tagħna nagħtu wisa' lill-imħabba bla kundizzjonijiet ta' Alla. Tant nagħmlu kundizzjonamenti għall-ħniena, li nbattluha mit-tifsira konkreta tagħha u mis-sens veru tagħha, u dan hu l-agħar mod kif inkunu nġibu fix-xejn l-Evanġelju" (AL 311). Liġi morali li ma tkebbisx il-qalb tal-bniedem tfakkarni fil-qawl li jgħid li "xemx li ma ssaħħanx, il-bard ta' Jannar aħjar minnha".

Dawn il-premessi jħarsuna "milli niżviluppaw morali kiesħa tal-iskrivanija meta niġu biex nittrattaw it-temi l-iżjed delikati, u pjuttost iqegħduna fil-kuntest ta' *dixxerniment pastorali mimli mħabba ħanina*, li dejjem issibha lesta tifhem, taħfer, issieħeb, tittama, u fuq kollox tintegra. Din hi l-loġika li għandha tirbaħ fil-Knisja, biex 'nagħmlu l-esperjenza li niftħu qalbna għal dawk kollha li qed jgħixu fl-iżjed periferiji eżistenzjali differenti li jeżistu'. Nistieden lill-fidili li qed jgħixu sitwazzjonijiet imqallba biex jersqu bil-fiduċja lejn kollokju mar-Ragħajja tagħhom u ma' lajċi li ddedikaw ħajjithom lill-Mulej. Mhux dejjem se jsibu fihom konferma tal-ideat u tax-xewqat tagħhom, imma żgur sa jirċievu dawl li jgħinhom jifhmu aħjar dak li għaddejjin minnu u jkunu jistgħu jiskopru mixja ta' maturità personali. U nistieden lir-Ragħajja jisimgħu bi mħabba u serenità, bix-xewqa sinċiera li jidħlu fil-qalba tad-dramma tal-persuni u jidħlu fiż-żarbun tagħhom, ħa jgħinuhom jgħixu aħjar u jagħrfu x'inhu posthom fil-Knisja" (AL 312).

Jgħarrilna qatigħ jekk naħsbu li hawnhekk għandna impostazzjoni laxka tat-Teoloġija Morali! Niftakru li l-proposta morali Alfonsjana proprju sserraħ fuq dan il-prinċipju ta' dixxerniment pastorali animat bi mħabba miżerikordjuża li dejjem lesta li "tilqa'" lill-bniedem. Għal San Alfons, it-Teoloġija Morali tagħmel parti minn proġett aktar wiesa' ta' evanġelizzazzjoni missjunarja li tilħaq lil min hu abbandunat: il-konfessur jidħol fl-istorja ta' dak li jkun, jisimgħu, jgħinu jikkonfronta ħajtu mal-Evanġelju, u jakkumpanjah b'ħafna sabar b'tali mod li ma jgħakksux għax huwa dgħajjef imma jiddisponih biex din id-dgħufija tissaħħaħ bil-qawwa tal-*copiosa redemptio*. Hawnhekk naqra wkoll dak li qed jgħidilna l-Papa Franġisku: it-tiġdid fit-Teoloġija Morali propost fl-*Amoris lætitia* jinkwadra fl-Eżortazzjoni *Il-ferħ tal-Vanġelu* fejn il-Papa jipproponi Knisja missjunarja.

Għal San Alfons l-applikazzjoni tal-liġi tal-gradwalità li tirrispetta l-istorja konkreta ta' dak li jkun u għalhekk id-dgħufija tiegħu, hija linja-gwida li għandha tmexxi l-ministeru tagħna: "It-twissija, jiġifieri dik li tiftaħ lill-penitent għall-verità, dejjem għandha ssir bħalma jagħmel 'tabib'. Hekk kif it-tabib ma jistax jillimita ruħu biss għall-preskrizzjoni ta' mediċina li tikkorrispondi għall-marda tal-pazjent, imma għandu jindikalu wkoll id-doża li tagħmilha

tiswa għall-marid, hekk il-konfessur għandu jinkarna l-verità fid-dgħufija tal-penitent b'mod li tirriżulta tassew effikaċi".

Għal min tħarreġ fit-Teoloġija Morali b'impostazzjoni rigoruża, ikun interessanti naqraw x'jikteb San Alfons de Liguori li wkoll kellu formazzjoni fit-Teoloġija Morali b' *taglio rigido* u eżerċita l-ministeru tiegħu f'kuntest ta' pastorali riġida. San Alfons jistqarr li kien il-kuntatt tiegħu man-nies permezz tal-appostolat waqt il-Missjonijiet popolari fost il-foqra li wasslu biex skopra l-*benignitas pastorali*: "Waqt il-missjoni sirna nafu li *la sentenza benigna* kienet aċċettata minn ħafna persuni onesti u għorrief. […] Fl-istess waqt skoprejna li *la sentenza rigida* mhux biss kellha ftit sostenituri – u dawn aktar kienu moħħhom fl-ispekulazzjoni milli biex jisimgħu l-qrar – imma kienet ukoll ftit probabbli… u miżgħuda b'diffikultajiet, tbatija u perikli. Għall-kuntrarju deher ċar li *la sentenza benigna* kienet aċċettata komunement, kienet wisq aktar probabbli mill-oħra, anzi probabilissima, u skont oħrajn, mhux mingħajr fundament serju, kienet moralment ċerta". Kien effett ta' din il-konverżjoni, li personalment għandi ħjiel tagħha, li mbagħad San Alfons żviluppa t-Teoloġija Morali tiegħu li mhux biss hija prattika imma *salvificamente pratica*.

Flimkien mal-kontemporanju tiegħu San Franġisk de Sales, San Alfons jgħid li l-uffiċċju tal-konfessur huwa l-aktar importanti u l-aktar diffiċli minn kollha. Fi kliemu, "ix-xjenza tal-morali hija diffiċli għax titlob l-għarfien ta' kważi x-xjenzi u l-arti l-oħra kollha. Dan għaliex normalment il-morali tinkludi ħafna liġijiet pożittivi li wieħed irid japplika skont interpretazzjoni ġusta. Kull waħda minn dawn il-liġijiet issir diffiċli ħafna minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każijiet. Għalhekk mhux possibbli li wieħed jieqaf fil-prinċipji ġenerali tal-morali biex isolvi l-każijiet partikulari kollha. Mhux qed ngħid li ma għandniex bżonn tal-prinċipji ġenerali biex insolvu l-każijiet; imma hawn hija l-ikbar sfida: biex wieħed japplika l-prinċipji li jaqblu mal-każijiet partikulari. Imma dan ma jistax isir jekk mhux billi tiżen il-motivi ta' naħa u tal-oħra" (*Prattica del confessore*).

Kliem għaref dak li jikteb il-Papa San Ġwanni Pawlu II fl-Ittra Appostolika *Spiritus Domini* biex ifakkar il-mitejn sena mill-mewt ta' San Alfons. Filwaqt li jippreżenta lil San Alfons bħala wieħed li ġedded il-morali, jikteb: "Dwar ir-rigoriżmu li spiss jitħaddem fis-Sagrament tal-Penitenza, li hu kien isejjaħ 'ministeru ta' grazzja u ta' maħfra', kien spiss itenni: 'Kif il-laxkezza, fis-smigħ tal-qrar, tirvina l-erwieħ, hekk ukoll hi ta' ħsara kbira għalihom ir-riġidità… Mal-midinbin hemm bżonn tal-karità u l-ħlewwa: dan kien il-karattru ta' Ġesù Kristu. U aħna, jekk irridu nwassalu l-erwieħ għand Alla u nsalvawhom, lil Ġesù Kristu u mhux lil Ġansenju rridu nixbhu, li hu l-kap tal-missjunarji kollha'. U fl-akbar opra tiegħu tal-morali kiteb, fost l-oħrajn, dawn il-kelmiet tal-għaġeb: 'Hi ħaġa ċerta, jew li għandha titqies b'ċerta… li l-bnedmin m'għandhomx jiġu imposti bi ħwejjeġ taħt ħtija gravi, sakemm ma jkunx hemm raġuni ċara li tissuġġerixxi dan… Meta tqis id-dgħufija attwali tal-kundizzjoni umana, mhux dejjem huwa minnu li iktar hu żgur li turi lill-erwieħ it-triq l-iżjed dejqa, meta naraw li l-Knisja kkundannat tant il-laxkiżmu u tant ieħor ir-rigoriżmu'".

Konfessur tajjeb mhux biżżejjed li jkollu manwal bil-liġijiet morali u l-liġi kanonika, imma jrid ikollu l-arti kif jipproponi l-verità u jistenna l-kuxjenza tal-penitent tagħmilha tagħha. Għax kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II, "il-bniedem jagħraf u jifhem l-amar tal-liġi divina bl-għajnuna tal-kuxjenza tiegħu. Hu għandu jimxi magħha bil-fedeltà fil-ħidma tiegħu sabiex jasal għand Alla" (*Dignitatis humanæ*, 3). Ma jiswiex li "aħna nippretendu li nistgħu nimponu normi bl-id qawwija tal-awtorità. Hu mitlub minna sforz iżjed responsabbli u ġeneruż li jikkonsisti f'li nagħtu r-raġunijiet u l-motivazzjonijiet tal-għażla tagħna favur iż-żwieġ u l-familja, biex hekk l-oħrajn ikunu iżjed disposti li jwieġbu għall-grazzja li Alla qed

jagħtihom" (AL 35). Din hija impostazzjoni perfettament Tomista, għax kif jgħid San Tumas, att ta' fidi mingħajr *intellectus fidei* lanqas biss huwa att uman. Ma għandniex nibżgħu nħallu spazju lill-kuxjenza tal-penitenti "li ħafna drabi minkejja l-limiti tagħhom xorta jwieġbu bl-aħjar mod possibbli għall-Evanġelju u jafu jwettqu d-dixxerniment personali tagħhom imqar f'sitwazzjonijiet fejn l-iskemi kollha jitfarrku. Aħna msejħin niffurmaw il-kuxjenzi u mhux neħdulhom posthom" (AL 37).

Fid-dawl ta' dawn il-premessi, lil dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet familjari kumplessi l-Knisja qed toffrilhom "mixja ta' tisħib u ta' dixxerniment li torjenta lil dawn il-fidili biex jagħrfu fil-kuxjenza tagħhom u quddiem Alla l-qagħda li jinsabu fiha. Il-kollokju mas-saċerdot, fil-*foro interno*, jgħin biex jissawwar ġudizzju korrett fuq dak li qed ixekkel il-possibbiltà ta' sehem iżjed sħiħ fil-ħajja tal-Knisja, u fuq il-passi li jistgħu jiffavorixxu u jsaħħu din il-parteċipazzjoni" (AL 300). Il-Linji-gwida li aħna l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex tajna dan l-aħħar huma maħsuba bħala għodda għal dan il-kollokju.

Ma jfissirx li l-Eżortazzjoni u l-Linji-gwida ma jirrikonoxxux il-valur u l-ħtieġa tan-norma, imma mmorru 'l hinn minn hekk. Il-liġi hija neċessarja imma għandha l-limitazzjonijiet tagħha, peress li fil-formulazzjoni ġenerika tagħha ma tħaddanx is-sitwazzjonijiet partikulari kollha. Għalhekk il-Papa qed jurina li l-liġi, peress li hija astratta, ħafna drabi mhix biżżejjed biex twieġeb għas-sitwazzjonijiet kumplessi tal-ħajja. Għalhekk huwa meħtieġ id-dixxerniment biex il-bniedem ikun jista' jsib relazzjoni bejn in-norma u l-libertà, bejn il-liġi u l-kuxjenza.

Id-dixxerniment personali altru li mhux eżerċizzju fl-astratt, għax ma jistax ma jqisx l-istorja tal-individwu. Permezz tad-dixxerniment il-persuna tfittex taqra l-istorja tagħha fid-dawl tar-rieda ta' Alla bili tikkonfronta ruħha mal-Kelma u l-Maġisteru tal-Knisja. Alla jagħmel is-sejħa tiegħu fil-ġrajja konkreta u d-dinamiżmu interjuri tal-persuna. Alla ma jehdiex juri li jħobb ukoll fejn hemm id-dgħajjef u l-hekk imsejjaħ irregolari. Ir-realtà hija ogħla mill-idea. Id-dixxerniment jagħti l-libertà lill-persuna li tfittex dawk il-mezzi li jgħinuha tgħix dak li temmen fil-kuxjenza taghha. "Il-kuxjenza tal-persuni għandu jkollha sehem akbar fil-prassi tal-Knisja f'ċerti sitwazzjonijiet li ma jwettqux oġġettivament dak li aħna nifhmu bħala żwieġ… Din il-kuxjenza tista' tagħraf mhux biss li hemm qagħda li mhix twieġeb oġġettivament għall-proposta ġenerali tal-Evanġelju; tista' tagħraf ukoll b'sinċerità u onestà dik li għall-mument ta' issa hi t-tweġiba ġeneruża li tista' toffri lil Alla, u tiskopri b'xi ċertezza morali li dik hi l-għotja li Alla nnifsu qed jitlob minnha qalb il-kumplessità konkreta tal-limiti, anki jekk dan għadu mhux l-ideal oġġettiv sħiħ" (AL 303). Bħala eżempju konkret ta' dan, l-AL issemmi lil dawk li "huma konvinti fil-kuxjenza tagħhom li ż-żwieġ ta' qabel, imfarrak għalkollox, qatt ma kien validu" (298).

Huwa fatt li l-AL toffri reviżjoni dwar kif aħna nħarsu lejn il-kuxjenza li pjuttost konna diffidenti quddiemha. Ma nsejjaħlux tagħlim ġdid, imma rġajna sibna mill-ġdid tagħlim akkwiżit imma ttraskurat. Biżżejjed insemmu dak li jgħid San Alfons dwar il-kuxjenza: *"aditus ad universam morale Theologiam"*. Il-kuxjenza mhix meqjusa bħala kontejner li fih nistivaw in-normi elaborati fl-uffiċċji ekkleżjastiċi; għall-kuntrarju, illum il-Knisja qed tesprimi fiduċja fil-kuxjenza onesta tal-Insara, u fejn qabel kienet il-kuxjenza ekkleżjali li tifforma l-kuxjenza tal-individwi, illum huwa possibbli wkoll li l-kuxjenza tal-individwi tikkontribwixxi biex tissawwar il-kuxjenza ekkleżjali, ladarba huma dixxipli ta' Kristu u għandhom l-esperjenza tal-laboratorju tad-dinja.